



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 2.7.2014  
COM(2014) 446 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Inzjattiva għal Impjiegi Ekoloġiċi:  
Jiġi sfruttat il-potenzjal tal-ekonomija ekoloġika għall-ħolqien tal-impjiegi**

## 1. Introduzzjoni

L-istrateġija Ewropa 2020 tirrikonoxxi r-rwol ċentrali tat-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika, b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju u effiċjenti fir-riżorsi biex jinkiseb tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. L-użu ineffiċjenti tar-riżorsi, il-pessjoni insostenibbli fuq l-ambjent, u t-tibdil fil-klima, kif ukoll l-esklużjoni soċjali u l-inugwaljanzi jgħolqu sfidi għal tkabbir ekonomiku fit-tul u mudell tat-tkabbir alternattiv, li jmur "lil hinn mill-PDG", ilu fuq l-aġenda għal ħafna snin<sup>1</sup>.

Mudell għal *tkabbir ekoloġiku* – li jwassal għal ekonomija b'livell baxx ta' karbonju, reżiljenti għall-klima u effiċjenti fir-riżorsi - jintuża biex jiddeskrivi bidla ekonomika strutturali li prinċipalment hija mmexxija minn skarsezza tar-riżorsi, minn bidla teknoloġika u mill-innovazzjoni, minn swieq ġodda, u minn bidliet fix-xejriet industrijali u tad-domanda tal-konsumaturi<sup>2</sup>. Ir-riżorsi, il-materja prima u l-prezzijiet tal-enerġija<sup>3</sup> inevitabbilment se jkollhom impatt fuq l-istruttura tal-kostijiet tal-kumpaniji, għaliex id-domanda globali għal dawk ir-riżorsi se tkompli tiżdied minħabba żieda fil-konsum fl-ekonomiji emerġenti. Il-mudell lineari tal-lum li wieħed "jieħu, jimmanifattura, jikkonsma u jarmi" – progressivament se jersaq lejn mudell ċirkolari fejn wieħed jikseb aktar valur miżjud u se jibbenefika aktar minn kull tunnellata ta' materjal, kull joule ta' enerġija u kull ettaru ta' art, bl-iffrankar, bl-użu mill-ġdid u bir-riċiklaġġ tal-materjali, u fejn il-produttività tar-riżorsi se jiddefinixxi l-kompetittività fil-ġejjieni<sup>4</sup>.

It-tkabbir ekoloġiku huwa kemm sfida *kif ukoll* opportunità għas-suq tax-xogħol u għall-ħiliet li, min-naħa tagħhom, huma fatturi ewlenin li jippermettu t-tkabbir ekoloġiku. It-tranżizzjoni se ġġib magħha trasformazzjonijiet fundamentali fl-ekonomija kollha kemm hi u f'ħafna setturi differenti: se jinħolqu impjiegi ġodda, xi impjeigi se jiġu sostitwiti filwaqt li oħrajn se jiġu ddefiniti mill-ġdid<sup>5</sup>. F'dan il-kuntest, huwa essenzjali li l-miżuri u l-għodod tas-suq tax-xogħol jiġu mmirati b'mod iżjed preċiż u li l-koordinazzjoni tittejjeb biex jinħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex isostnu l-impjiegi ekoloġiċi, biex titnaqqas l-insuffiċjenza ta' ħiliet u n-nuqqas ta' ħaddiema, u biex tiġi antiċipata l-bidla fil-ħtiġijiet tal-kapital uman.

Il-Pakkett dwar l-Impjiegi tal-Kummissjoni tal-2012 iressaq qafas għal irkupru li jkun rikk fl-impjiegi billi jagħmel enfasi fuq il-ħtieġa li jkomplu jiġu żviluppati għodod tas-suq tax-xogħol u jidentifika l-ħiliet meħtieġa sabiex jappoġġja l-bidla għal ekonomija ekoloġika u l-progress lejn l-għanijiet tal-Ewropa 2020 għall-impjiegi<sup>6</sup>.

L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2013 u 2014 jenfasizza l-potenzjal tal-ħolqien tal-impjiegi tal-ekonomija ekoloġika u l-ħtieġa li jiġu żviluppati oqfsa strateġiċi fejn il-politiki tas-suq tax-xogħol u tal-ħiliet jaqdu rwol attiv li jappoġġja l-ħolqien tal-impjiegi<sup>7</sup>. Madankollu, oqfsa ta' politika integrata li jgħaqqdu t-tkabbir ekoloġiku u l-impjiegi jeżistu

<sup>1</sup> COM(2009) 433 finali; ara wkoll COM SWD(2013)303 final, *Il-Progress fl-azzjonijiet "Il-PDG u lil hinn"*.

<sup>2</sup> Ara l-valutazzjoni tal-impatt OECD (2011), *Towards green growth*; UNEP (2011), *Towards a green economy*.

<sup>3</sup> Ara wkoll COM(2014) 015 final, *Communication on a Policy framework for climate and energy in the period from 2020 to 2030*; u COM(2014) 021 final, *Communication on the Energy prices and costs in Europe*.

<sup>4</sup> COM (2014)..., *Towards a circular economy: A zero waste programme for Europe*.

<sup>5</sup> OECD (2012), *The jobs potential of a shift towards a low carbon economy*; OECD (2012), *OECD Employment Outlook 2012*, ara l-kapitlu 4 "What green growth means for workers and labour market policies: an initial assessment"; ILO (2011), *Skills for green jobs, a global view*.

<sup>6</sup> Il-Linja Gwida għall-Impjiegi nru 7 jenfasizza li l-Istati Membri għandhom jippromwovu l-ħolqien tal-impjiegi fl-oqfsa kollha, *inkluż l-impjiegi ekoloġiċi*.

<sup>7</sup> COM(2013) 800 final.

biss f'għadd żgħir ta' Stati Membri, bil-maġġoranza li għandhom approċċ sparpaljat u frammentat<sup>8</sup>.

Barra minn hekk, kif ġie ddikjarat fis-7 Programm ta' Azzjoni Ambjentali, biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tat-tkabbir u tal-impjiegi tal-ekonomija ekoloġika jeħtieġ titjib fl-integrazzjoni ambjentali u fil-koerenza tal-politika sabiex il-politiki settorjali fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri jiġu żviluppati u implimentati<sup>9</sup>. Fl-2014 il-Pjattaforma Ewropea għall-użu effiċjenti tar-riżorsi (European Resource Efficiency Platform) enfasizzat ukoll il-ħtieġa li tiġi żviluppata strateġija wiesgħa biex l-impjiegi il-ħiliet u l-edukazzjoni jsiru aktar ekoloġiċi, u appellat lill-UE biex tintegra l-għanijiet tas-sostenibbiltà, tidentifika l-istrumenti tas-suq tax-xogħol li jakkumpanjaw din it-tranżizzjoni, timmobilizza l-finanzjament tal-UE, tappoġġa l-iskambju ta' prassi tajba, tippromwovi s-sensibilizzazzjoni u l-impenn, u tiżgura segwitu tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika fis-Semestru Ewropew<sup>10</sup>.

Din il-Komunikazzjoni għandha l-għan li tiddefinixxi qafas strateġiku tal-kundizzjonijiet li jippermettu l-politiki dwar is-suq tax-xogħol u dwar il-ħiliet biex jieħdu rwol attiv biex jappoġġaw l-impjiegi u l-ħolqien tal-impjiegi fl-ekonomija ekoloġika. Hija tressaq reazzjonijiet u għodod ta' politika mmirati biex jiżguraw l-integrazzjoni tal-aġendi ambjentali u tal-impjiegi u jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ewropa 2020.

## **2. Lejn ekonomija ekoloġika – l-opportunitajiet u l-isfidi għas-suq tax-xogħol**

L-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija hija xprunata prinċipalment minn xejra globali fit-tul tal-iskarsezza tar-riżorsi u ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-materja prima li hija aggravata mid-dipendenza dejjem tikber tal-Ewropa fuq l-importazzjonijiet ta' dawn ir-riżorsi. Sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, l-UE implimentat għadd ta' politiki u strateġiji mmirati biex jappoġġaw il-bidla għal ekonomija li tuża r-riżorsi b'effiċjenza u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, filwaqt li tissaħħaħ il-kompetittività tal-UE. L-aktar waħda sinifikanti hija l-Pakkett tal-2020 dwar il-Klima u l-Enerġija, li jistabbilixxi miri li għandhom jintlaħqu sal-2020 ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass b'effett serra, ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u ta' effiċjenza enerġetika mtejba. Huwa aċċettat b'mod ġenerali li t'tranżizzjoni b'suċċess lejn ekonomija ekoloġika li tkun effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u tal-enerġija se ssawwar mill-ġdid is-swieq tax-xogħol. Għalhekk jeħtieġ li wieħed jifhem l-implikazzjonijiet tas-suq tax-xogħol biex l-aġġustamenti strutturali jiġu antiċipati u ġestiti aħjar<sup>11</sup>.

Sar ħolqien konsiderevoli ta' impjiegi fis-settur tal-oġġetti u s-servizzi ambjentali (EGSS) – ħafna drabi msejjaħ "impjiegi ekoloġiċi" – anki matul il-kriżi ekonomika. L-impjiegi fl-UE żdiedu minn 3 għal 4,2 miljun bejn l-2002 u l-2011, u dan jinkludi 20 % matul is-snin ta' riċessjoni<sup>12</sup>.

---

<sup>8</sup> Ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi, COM(2013) 801 final. Ara wkoll il-KE (2013), *Promoting green jobs throughout the crisis: a handbook of best practices in Europe*, EEO Review. Il-Manwal jidentifika strateġiji nazzjonali u/jew regionali jew miżuri ta' politiki uniċi għall-promozzjoni tal-impjiegi fis-setturi ekoloġiċi.

<sup>9</sup> ĠU L 354, 28/12/2013.

<sup>10</sup>

[http://ec.europa.eu/environment/resource\\_efficiency/documents/erep\\_manifesto\\_and\\_policy\\_recommendations\\_31-03-2014.pdf](http://ec.europa.eu/environment/resource_efficiency/documents/erep_manifesto_and_policy_recommendations_31-03-2014.pdf).

<sup>11</sup> Cambridge Econometrics, GHK and the Warwick Institute for Employment Research (2011), *Studies on sustainability issues — Green jobs; trade and labour* (Studju li twettaq għad-DĠ EMPL).

<sup>12</sup> Dejta tal-Eurostat dwar is-settur tal-oġġetti u s-servizzi ambjentali.

Il-potenzjal tal-ħolqien ta' impjiegi marbut mal-produzzjoni ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli, mal-effiċjenza enerġetika, mal-ġestjoni tal-iskart u tal-ilma, mal-kwalità tal-arja, mar-restawr u l-preservazzjoni tal-bijodiversità u mal-iżvilupp tal-infrastruttura ekoloġika huwa sinifikanti u għandu jkun jista' jirreżisti għall-bidliet fiċ-ċiklu tan-negożju.

Barra minn hekk, żieda ta' 1 % fir-rata tat-tkabbir tal-industrija tal-ilma fl-Ewropa tista' toħloq bejn 10 000 u 20 000 impjieg ġdid<sup>13</sup>. It-turiżmu u r-rikreazzjoni f'siti ta' Natura 2000 huma stmati li jsostnu direttament madwar 8 miljun impjieg li jikkorrispondu għal 6 % tal-impjiegi totali fl-UE<sup>14</sup>. L-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-iskart tista' toħloq aktar minn 400 000 impjieg ġdid<sup>15</sup>, u r-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart li l-Kummissjoni pproponiet issa tista' toħloq 108 000 impjieg ieħor<sup>16</sup>, filwaqt li jinfetħu swieq ġodda, isir użu aħjar tar-riżorsi, u jitnaqqsu d-dipendenza fuq l-importazzjoni ta' materja prima, u l-pessjoni fuq l-ambjent<sup>17</sup>.

It-trasformazzjoni interna u r-ridefinizzjoni tal-impjiegi se jaffettwaw is-setturi b'sehem għoli ta' emissjonijiet (l-enerġija, it-trasport, l-agrikoltura, il-bini, li rispettivament jikkostitwixxu 33 %, 20 %, 12 % u 12 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-UE)<sup>18</sup>. Aktar investiment fl-insulazzjoni u fl-effiċjenza enerġetika x'aktarx li jkollu impatt pożittiv fuq il-ħolqien tal-impjiegi fis-settur tal-konstruzzjoni fejn aktar minn erba' miljun ħaddiem se jeħtieġu titjib tal-ħiliet tagħhom<sup>19</sup>. L-impjiegi għandhom jinħolqu wkoll fis-setturi tal-bijomassa u tal-bijofjuwils<sup>20</sup>. Fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija, il-komponenti ta' ekoloġizzazzjoni li ġew introdotti dan l-aħħar itejbu t-twassil tas-servizzi pubbliċi mill-agrikoltura u l-forestrija filwaqt li jiżguraw it-tkabbir ekoloġiku f'dawn is-setturi. Hemm opportunitajiet għall-ħolqien tal-impjiegi fis-settur agrikolu, b'mod partikolari permezz tal-produzzjoni ta' kwalità, tal-biedja organika, tal-ġestjoni tal-pajsaġġ, tal-biedja ekoloġika/l-ekoturiżmu, tas-servizzi ekoloġiċi (ambjentali) u/jew l-infrastruttura fiż-żoni rurali.

Għall-industriji intensivi fl-enerġija (eż. tal-kimiċi jew tal-ħadid u tal-azzar), l-istampa hija aktar kumplessa, peress li dawn jiffaċċjaw kemm sfidi kif ukoll opportunitajiet li jirriżultaw mill-bżonn li jitnaqqsu l-emissjonijiet u l-iżvilupp ta' setturi ġodda u tal-oġġetti. Sabiex tindirizza l-kompetittività tal-industriji li huma f'riskju ta' rilokazzjoni minħabba l-impatt tal-politiki dwar il-klima, il-Kummissjoni daħħlet fis-seħħ miżuri għall-prevenzjoni ta' "rilaxx tal-karbonju"<sup>21</sup>. Fis-settur tal-kimika, industrija aktar ekoloġika hija stmata li se toħloq aktar impjiegi milli hemm fl-industrija taż-żejt u fl-industrija kimika bħalissa<sup>22</sup>. Fl-industrija tal-azzar, l-użu ta' materjali riċiklati, bħal skart tal-azzar, jirriżulta f'iffrankar bil-ħafna ta' enerġija u għalhekk għandu impatt pożittiv fuq il-kompetittività tas-settur.

---

<sup>13</sup> Ecorys, Acteon (2014), *Potential for sustainable growth in the water industry sector in the EU and the marine sector – Input to the European Semester*.

<sup>14</sup> Bio Intelligence Service (2011), *Estimating the economic value of the benefits provided by the tourism/recreation and employment supported by Natura 2000*.

<sup>15</sup> Bio Intelligence Service (2012), *Implementing EU waste legislation for green growth*.

<sup>16</sup> Valutazzjoni tal-Impatt tal-2014 Waste Review – Dokument ta' Ħidma tal-Persunal

<sup>17</sup> Bio Intelligence Service (2012), *Implementing EU waste legislation for green growth*.

<sup>18</sup> Ara Cambridge Econometrics, and al. (2013), *Employment effects of selected scenarios from the Energy roadmap 2050*, Rapport finali għall-KE (DĠ għall-Enerġija), [http://ec.europa.eu/energy/observatory/studies/doc/2013\\_report\\_employment\\_effects\\_roadmap\\_2050.pdf](http://ec.europa.eu/energy/observatory/studies/doc/2013_report_employment_effects_roadmap_2050.pdf)

<sup>19</sup> COM, BUILD UP Skills (2013), *Is-sejbiet preliminari mill-Pjanijiet Direzzjonali tal-Istati Membri*.

<sup>20</sup> [http://www.energies-renouvelables.org/observ-er/stat\\_baro/barobilan/barobilan13-gb.pdf](http://www.energies-renouvelables.org/observ-er/stat_baro/barobilan/barobilan13-gb.pdf)

<sup>21</sup> Ara [http://ec.europa.eu/clima/policies/ets/cap/leakage/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/clima/policies/ets/cap/leakage/index_en.htm)

[http://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---ed\\_dialogue/---sector/documents/publication/wcms\\_226385.pdf](http://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---ed_dialogue/---sector/documents/publication/wcms_226385.pdf)

Fir-rigward tal-ekonomija usa', il-kumpaniji jistgħu jespandu s-swieq tagħhom u joħolqu impjiegi ġodda, filwaqt li jittrasformaw dawk eżistenti billi jżidu l-effiċjenza tal-proċessi tal-produzzjoni, bl-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi li jiffrankaw ir-riżorsi, billi jiżviluppaw mudelli ġodda ta' negozju, jew billi joffru prodotti u servizzi aktar sostenibbli.. Il-produttività tar-riżorsi tal-UE kibret b'20 % fil-perjodu 2000-2011. Iż-żamma ta' din ir-rata għandha twassal għal żieda addizzjonali bi 30 % sal-2030, u tista' ssaħħaħ il-PDG bi kważi 1 %, filwaqt li jinħolqu aktar minn 2 miljun impjieg.

### **3. Ir-reazzjonijiet ta' politika**

Swieq tax-xogħol dinamiċi u li jiffunzjonaw tajjeb għandhom rwol ewlieni x'jaqdu biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti. Azzjoni fil-livell tal-UE għandha tiffoka fuq dan li ġej:

- It-tnaqqis tad-diskrepanzi fil-ħiliet;
- L-antiċipazzjoni tal-bidla, il-kisba ta' tranżizzjonijiet u l-promozzjoni tal-mobbiltà;
- L-appoġġ għall-ħolqien tal-impjiegi;
- Iż-żieda fil-kwalità tad-dejta.

#### **3.1 It-tnaqqis tad-diskrepanzi fil-ħiliet**

Filwaqt li l-ekonomija ekoloġika se toħloq impjiegi ġodda u jiftaħ swieq ġodda, il-kompetittività, il-kapaċità innovattiva u l-produttività tal-Ewropa se jiddependu ħafna fuq id-disponibbiltà ta' ħaddiema mħarrġa. Dan ifisser li għandu jithegġegħ l-iżvilupp tal-ħiliet (3.1.1); u li għandhom jitbassru aħjar il-ħtiġijiet tal-ħiliet fis-setturi u fl-industriji sabiex l-awtoritajiet u l-partijiet interessati rilevanti jkunu jistgħu jadattaw għall-bidla (3.1.2).

##### *3.1.1 L-iżvilupp tal-ħiliet*

Filwaqt li l-Istati Membri qed jiżviluppaw klassifikazzjonijiet ta' ħiliet “ekoloġiċi”<sup>23</sup>, issa huwa stabbilit li t-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar ekoloġika se jkollha impatt sinifikanti fuq il-ħiliet meħtieġa, b'żieda fid-domanda għal forza tax-xogħol b'ħiliet fit-tkabbir tal-ekoindustriji, għat-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema fis-setturi kollha, u għat-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema f'setturi vulnerabbli għar-ristrutturar<sup>24</sup>. L-intensità tal-ekoinnovazzjoni se jkollha impatt fuq ir-rekwiżiti tal-ħiliet għall-impjiegi fis-setturi u fl-industriji kollha.

Fejn ikunu msaħħa minn innovazzjoni qawwija, l-impjiegi l-ġodda se jeħtieġu ħiliet ġeneriċi kif ukoll ħiliet tax-xjenza, tat-teknoloġija u tal-matematika (STEM) bħala parti mill-edukazzjoni obligatorja u terzjarja. Se jkun meħtieġ titjib tal-ħiliet fis-setturi u fl-impjiegi kollha biex jinkisbu ħiliet u għarfien ġodda, bħall-għarfien ta' materjali ġodda ta' insulazzjoni, approċċi ġodda għal materjali tal-bini, id-disinn, l-ingerinija, l-għarfien ta' regolamenti, eċċ. Il-ħiliet assoċjati mal-ekonomija ekoloġika mhux dejjem ikunu ħiliet kompletament ġodda jew “uniċi”. Dawn iħaltu kompetenzi trasversali ma' settijiet ta' ħiliet “speċifiċi”. F'xi każijiet, ċerti kompiti u responsabbiltajiet, li jeħtieġu taħlitiet speċifiċi ta' ħiliet u għarfien, se jiffurmaw profili ġodda tax-xogħol.

<sup>23</sup> Ara pereżempju Ecorys (2010), *Programmes to promote environmental skills*.

<sup>24</sup> OECD (2012); ILO (2012); Cambridge Econometrics, *et al.* (2011), *Studies on sustainability issues — Green jobs; trade and labour*.

Biex jitħaffef l-adattament tal-forza tax-xogħol u tas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ jeħtieġ li jkun hemm intervent immirat mill-awtoritajiet pubbliċi biex jiġu evitati l-konġestjonijiet tal-ħiliet, jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet tax-xogħol u tittejjeb ir-reazzjoni tas-sistemi tal-edukazzjoni għad-domanda emerġenti tal-ħiliet u tal-kwalifiki. Dan jeħtieġ rieżami u aġġornament tal-kwalifiki u tal-kurrikuli korrispondenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ<sup>25</sup>.

Standards ta' kwalità ta' taħriġ settorjali, appoġġjati minn mekkaniżmi tal-assigurazzjoni tal-kwalità u minn sistemi tal-akkreditazzjoni fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ETV), għandhom jiġu żviluppati sabiex jaddattaw aħjar għall-forniment tas-suq tax-xogħol tal-ETV. L-ċertifikazzjoni ta' ħiliet ekoloġiċi miksuba b'mod informali, appoġġjata minn taħriġ flessibbli li jwassal għal kwalifiki, tista' wkoll tappoġġja t-tranżizzjonijiet għal ħaddiema affettwati mir-ristrutturar. Il-mekkaniżmi tal-governanza għall-ETV jagħmlu użu aħjar tat-tbassir tal-ħiliet. L-sħab soċjali settorjali għandhom ikunu involuti aħjar fit-tfassil u fir-reviżjoni ta' programmi ta' taħriġ, ta' kwalifiki u ta' sistemi ta' akkreditazzjoni.

### 3.1.2 It-tbassir aħjar tal-ħtiġijiet tal-ħiliet

Billi bidliet strutturali fl-ekonomija se jwasslu għal rekwiżiti ta' ħiliet u impjiegi emerġenti ġodda, jeħtieġ li jiġu vvalutati aħjar l-iżviluppi tal-impjiegi u tal-ħiliet bil-għan li tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn *ekonomija ekoloġika*. Sistemi tal-klassifikazzjoni bħall-“Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjiegi” (ESCO) jistgħu jintużaw biex jidentifikaw id-diskrepanzi fil-ħiliet. Il-Panorama ta' Ħiliet tal-UE, immedija mill-Kummissjoni fl-2012, tippovdi ħarsa ġenerali tas-sejbiet Ewropej, nazzjonali u settorjali dwar il-prospetti fuq perjodu ta' żmien qasir sa medju, tal-ħtiġijiet ta' impjiegi u ħiliet.

Is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi jipprovdu informazzjoni prezzjuża dwar ir-rekwiżiti tal-ħiliet fis-suq tax-xogħol. F'xi Stati Membri, is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi żviluppaw għodod biex jissorveljaw id-domanda għal ħiliet ekoloġiċi f'diversi setturi tal-ekonomija, inkluż fis-setturi ekoloġiċi<sup>26</sup>. F'dan il-kuntest, l-isfida hija li tintuża dejta eżistenti biex jinbidlu jew jiġu adattati l-possibilitajiet ta' taħriġ, id-disponibbiltà, u l-format, kif ukoll il-proċessi ta' taħriġ.

Għalhekk huwa essenzjali li jiġu żviluppati strateġiji għall-ġbir tal-informazzjoni, li jiffoka fuq il-ħtiġijiet tar-reklutaġġ proġettati u l-identifikazzjoni tal-ħiliet meħtieġa. Kollaborazzjoni mill-qrib bejn il-gvern, l-industrija, is-sħab soċjali u r-riċerka hija essenzjali f'dan ir-rigward. Il-Kummissjoni qed tippromwovi l-Kunsilli tal-Ħiliet Settorjali u l-Alleanzi tal-Ħiliet Settorjali, l-aktar fis-setturi tal-vetturi, tal-kostruzzjoni u tal-kimika.

Kif innotat fil-Pjan Ta' Azzjoni Ekoloġika tal-Kummissjoni għall-SMEs<sup>27</sup>, l-iżvilupp tal-forza tax-xogħol hija sfida partikolari għall-SMEs billi għandhom inqas riżorsi disponibbli biex iwiegħu għall-ħtiġijiet tat-trasformazzjoni. Għalhekk, l-SMEs għandhom jirċievu appoġġ u gwida biex jantiċipaw aħjar il-ħtiġijiet tal-ħiliet u sabiex jitnaqqsu d-diskrepanzi fil-ħiliet ekoloġiċi. Għandhom jiġu żviluppati għodod, bħal skemi ta' tagħlim mill-bogħod, il-konsulenza u s-servizzi ta' konsulenza, sabiex jgħinu lill-SMEs isiru aktar effiċjenti fl-enerġija u fir-riżorsi u biex jiġi ffaċilitat l-użu ta' standards ta' ġestjoni ambjentali<sup>28</sup>.

<sup>25</sup> CEDEFOP (2012), *Green skills and environmental awareness in vocational education and training*.

<sup>26</sup> DG EMPL (2013), Djalogu bejn is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, *Public employment services and green jobs*.

<sup>27</sup> COM (2014)..., Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar “Pjan ta' azzjoni ekoloġika għall-SMEs”.

<sup>28</sup> Pereżempju l-iskema ta' Mmaniġġjar u Awditjar Ekoloġiċi tal-UE (EMAS) jew l-ISO 14001.

**Biex tgħin biex jitnaqqsu d-diskrepanzi eżistenti fil-ħiliet, il-Kummissjoni se:**

- taħdem mal-partijiet ikkonċernati fil-livell settorjali (b'mod partikolari **l-Kunsilli tal-Ħiliet Settorjali** u **l-Alleanzi tal-Ħiliet Settorjali**) biex tinkoraġġixxi l-iżvilupp tal-informazzjoni dwar il-ħiliet ekoloġiċi, u ssaħħaħ ir-rabtiet mal-ESCO u **l-Panorama tal-Ħiliet tal-UE**;
  - tippromwovi l-iskambju ta' prattika tajba dwar strateġiji ibbażati fuq il-ħiliet bil-**Programm ta' Tagħlim Reċiproku tal-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi** u b'kooperazzjoni ma' Cedefop;
  - tippromwovi l-iskambju ta' prattika tajba fost in-**Netwerk Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi** dwar l-użu tal-informazzjoni u tal-previżjonijiet tas-suq tax-xogħol u dwar it-trawwim ta' sħubijiet mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha bil-għan li jiġu antiċipati aħjar il-ħtiġijiet tal-kumpaniji għall-ħiliet ekoloġiċi;
  - tikkoopera mal-**Komunitajiet InnoEnergy u tal-Għarfien dwar il-Klima u l-Innovazzjoni** tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija biex twassal mudelli ta' edukazzjoni innovattivi ffokati fuq il-klima fuq livell gradwatorju u postgradwatorju u tiżviluppa aktar strumenti ġodda tal-ħolqien tan-negozju biex trawwem intraprenditorija relatata mal-klima.
  - se tippromwovi l-aħjar prattiki fi ħdan in-Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u s-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola, skont il-**Politika Agrikola Komuni**.
- L-Istati Membri** huma mistiedna li jirrevedu u jaġġornaw il-kwalifiki u l-kurrikuli korrispondenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex iwiegħbu għad-domanda ġdida tas-swieq.

### **3.2 L-antiċipazzjoni tat-tibdil, l-iżgurar tat-tranżizzjonijiet u l-promozzjoni tal-mobbiltà**

Il-proċessi ta' trasformazzjoni, b'mod partikolari minn tnaqqis għal attivitajiet emerġenti, jeħtieġu antiċipazzjoni u ġestjoni f'waqthom. Ir-ristrutturar għandu jiġi ttrattat b'mod soċjalment responsabbli, b'mod partikolari għall-preservazzjoni tal-kapital uman (3.2.1); l-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol iridu jikkontribwixxu biex it-tranżizzjonijiet jiġu ffaċilitati u żgurati (3.2.2); u l-mobbiltà professjonali u ġeografika għandha tittiejjeb aktar (3.2.3).

#### *3.2.1 L-antiċipazzjoni tal-bidla u l-ġestjoni tar-ristrutturar*

L-UE għandha qafas legali komprensiv li jirregola l-mod kif id-djalogu soċjali għandu jindirizza l-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar. Barra minn hekk, il-Qafas Ewropew tal-Kwalità għall-antiċipazzjoni tal-bida u r-ristrutturar<sup>29</sup> fih ċerti prinċipji u prattiki tajba għall-anteċipazzjoni tal-bidla u l-ġestjoni tar-ristrutturar; għalhekk huwa wkoll rilevanti għall-ġestjoni b'suċċess tat-tranżizzjoni ekoloġika mill-perspettiva soċjoekonomika. L-antiċipazzjoni f'waqtha tal-bidla u tal-ħtiġijiet ta' ħiliet tikkontribwixxi għall-kompetittività tal-kumpaniji, u għall-impjegabbiltà tal-ħaddiema. L-antiċipazzjoni tal-bidla għandha tinkludi programmi kontinwi tal-aġġornament tat-taħriġ tal-ħaddiema fuq ix-xogħol. It-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol jista' wkoll jappoġġa l-innovazzjoni ekoloġika, b'mod partikolari meta jiġu appoġġati minn sistemi ta' validazzjoni xierqa.

<sup>29</sup> COM(2013) 882 final.

Huwa essenzjali li tiġi żviluppata gwida speċifika għas-setturi fejn hija mistennija żieda, tnaqqis jew trasformazzjoni sinifikanti tal-impjiegi. Xi inizjattivi settorjali (bħal CARS 2020, Construction 2020) ġew żviluppati biex jappoġġaw l-għanijiet tal-enerġija u tal-effiċjenza tar-riżorsi, filwaqt li jqisu l-aspetti tal-impjiegi u l-ħiliet.

Sabiex tkun żgurata li t-tranżizzjoni ekoloġika twassal għal impjiegi aħjar, għandhom jitqiesu wkoll l-aspetti tas-saħħa u s-sikurezza, b'mod partikolari r-riskju emerġenti marbut mal-iżvilupp tat-teknoloġiji ekoloġiċi. Filwaqt li teknoloġiji, prodotti u proċessi aktar sostenibbli x'aktarx li jnaqqsu r-riskju tal-espożizzjoni perikoluża għall-ħaddiema, il-perikli potenzjali ġodda jridu jiġu vvalutati bir-reqqa u integrati fi strateġiji ta' prevenzjoni biex jantiċipaw, jidentifikaw, jevalwaw u jikkontrollaw il-perikli u r-riskji emerġenti<sup>30</sup>.

### 3.2.2 *L-adattament tal-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol sabiex jiffaċilitaw u jiżguraw it-tranżizzjoni*

Is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi huma dejjem aktar involuti fi strateġiji u programmi ta' impjiegi ekoloġiċi<sup>31</sup>. Dawn ilaqqgħu lil min iħaddem u l-istituzzjonijiet tat-taħriġ f'programmi lokali jew reġjonali mmirati lejn persuni qiegħda u gruppi vulnerabbli, u jiżviluppaw inċentivi għall-promozzjoni tal-mobbiltà ġeografika u okkupazzjonali billi jistabbilixxu ċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet u s-sistemi tat-trasferibbiltà u l-bażijiet tad-dejta dwar il-ħtiġijiet ta' min iħaddem.

Is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi għandhom rwol dejjem aktar importanti billi jipprovdu servizzi ta' gwida u ta' konsulenza għall-karriera, kif ukoll pjanijiet dwar il-kwalifiki u l-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u dak informali.

### 3.2.3 *Il-promozzjoni tal-mobbiltà*

Il-promozzjoni tal-mobbiltà tal-ħaddiema, kemm minn reġjun għal ieħor u kemm minn Stat Membr għal ieħor, tista' tissodisfa sa ċertu punt, il-ħtiġijiet immedjati tas-suq tax-xogħol. Filwaqt li xi setturi, bħal dak tal-kostruzzjoni, għandhom mobbiltà oġġla mill-medja, oħrajn, bħall-utilitajiet (il-provvista tal-ilma, id-dranaġġ u l-elettriku) ma għandhomx. Il-Kummissjoni tiffaċilita l-mobbiltà intra-UE permezz tal-EURES, in-Netwerk Ewropew tal-Impjiegi. Hija se tippromwovi wkoll skemi tal-mobbiltà mmirati sabiex jgħinu biex jimtlew il-postijiet tax-xogħol konċentrati u l-pożizzjonijiet vakanti speċifiċi, b'mod partikolari fis-setturi u l-impjiegi fl-ekonomija ekoloġika<sup>32</sup>. It-titjib tal-mobbiltà se jirrikjedi wkoll investment fit-tqabbil tal-kompetenzi fil-livell tal-UE permezz tal-ESCO u aktar ħidma lejn Żona Ewropea tal-Ħiliet u l-Kwalifiki. Barra minn hekk, il-profil tax-xogħol għandhom jiġu kontinwament aġġornati biex iqisu l-ħtiġijiet għall-ħiliet fl-ekonomija ekoloġika.

### ***Biex tantiċipa t-tibdil, tiżgura t-tranżizzjonijiet u tippromwovi l-mobbiltà, il-Kummissjoni se:***

**- tibni fuq it-tagħlim miksub mill-inizjattivi settorjali li qed isiru dwar l-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tar-ristrutturar u se tivvaluta l-possibbiltà li testendihom għal setturi oħra b'potenzjal ta' ekoloġizzazzjoni;**

<sup>30</sup> COM(2014) 332 final, Komunikazzjoni dwar *Qafas Strateġiku tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali 2014-2020*; ara wkoll European Agency for Safety and Health at Work (2013), *Green jobs and occupational safety and health*.

<sup>31</sup> DG EMPL (2013), Djalogu bejn is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, *Public employment services and green jobs*.

<sup>32</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 tal-11 ta' Diċembru 2013.



- taħdem mas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi fil-kuntest tan-**network Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi** sabiex tiġi appoġġata l-mobbiltà professjonali biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet speċifiċi tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari daww li jeħtieġu ħiliet ekoloġiċi;
- fil-qafas tal-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi, tappoġġa t-**tagħlim reċiproku u l-evalwazzjonijiet bejn il-pari** dwar politiki xierqa dwar is-suq tax-xogħol;
- tagħmel użu minn **Skemi Mmirati ta' Mobbiltà għall-Ħaddiema** skont il-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) biex tippromwovi l-mobbiltà tax-xogħol għal min ifittex ix-xogħol;
- permezz tal-**ESCO**, tappoġġa t-tqabbil tal-impjiegi bbażat fuq il-kompetenza u l-analiżi tax-xejriet tad-domanda fil-provvista tal-ħiliet ekoloġiċi fuq il-bażi tal-ammont ta' postijiet tax-xogħol battala u s-CVs disponibbli f'**EURES**.

**L-Istati Membri u s-sħab soċjali huma mistiedna** jippromwovu l-użu mifruż tal-Qafas Ewropew tal-Kwalità għall-antiċipazzjoni tat-tibdil u tar-ristrutturar b'rabta mal-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija.

### 3.3. L-appoġġ għall-ħolqien tal-impjiegi

Il-fondi tal-UE għandhom jintużaw biex jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika (3.3.1). Barra minn hekk, bit-trasferiment mit-tassazzjoni tax-xogħol għat-tassazzjoni ambjentali (3.3.2), l-akkwist ekoloġiku (3.3.3) u l-intraprenditorja ekoloġika (3.3.4) huma oqsma ugwalment importanti għas-sostenn tal-ħolqien tal-impjiegi ekoloġiċi.

#### 3.3.1 L-użu effiċjenti tal-fondi tal-UE

Il-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment (ESIF) huma sorsi ewlenin ta' investiment għall-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi. L-istrumenti finanzjarji ewlenin tal-UE li jappoġġaw il-provvista tal-ħiliet, il-ħolqien tal-impjiegi u t-tranżizzjonijiet fl-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija jinkludu:

- Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) jikkofinanza miżuri ta' attivazzjoni tas-suq tax-xogħol, miżuri biex itaffu t-tranżizzjoni għax-xogħol u t-titjib tal-għarfien u l-ħiliet. L-FSE jista' jsostni t-tranżizzjonijiet tal-forza tax-xogħol għal impjiegi aktar ekoloġiċi, jgħin biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħiliet u jtejjeb is-sistemi tal-ETV (inkluż bl-adattament tal-kurrikula).
- Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) jappoġġa l-investimenti fl-effiċjenza tal-enerġija u tar-riżorsi, l-enerġija rinnovabbli, il-ġestjoni tal-iskart u tal-ilma, l-infrastruttura ekoloġika, il-konservazzjoni tal-bijodiversità u l-protezzjoni, l-ekoinnovazzjoni, l-infrastruttura tal-edukazzjoni u r-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni f'teknoloġiji b'livell baxx ta' karbonju. Ir-reġjuni se jkollhom jinvestu sehem minimu tar-riżorsi tal-FEŻR f'miżuri marbuta ma' ekonomija b'livell baxx tal-karbonju (20 % għal reġjuni aktar żviluppati, 15 % għal reġjuni fi tranżizzjoni u 12 % għal reġjuni anqas żviluppati).
- Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) jappoġġa l-investimenti fl-agrikoltura, fil-forestrija, fl-ambjent, fin-negozju rurali u fl-infrastruttura, inklużi investimenti fl-enerġija rinnovabbli, fl-effiċjenza enerġetika u fil-ġestjoni tar-riżorsi (ilma, skart, art, eċċ.) u fl-innovazzjoni. L-Istati Membri se jkollhom jinvestu sehem minimu ta' 30 % tal-kontribuzzjoni totali mill-FAEŻR għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u għall-kwistjonijiet ambjentali.

- Il-programm għall-“Kompetittività tal-Intrapriżi u tal-SMEs” (COSME) u “Orizzont 2020” jimmira li jikkontribwixxi għat-*tkabbir ekonomiku* u għall-*impjiegi billi jappoġġa proġetti li jittrattaw l-innovazzjoni, inklużi l-enerġiji rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika, ir-restawr tal-ekosistema u bliet li jirritornaw għal ambjent naturali.*
- Il-programm LIFE jappoġġa għadd ta’ proġetti ambjentali u relatati mal-klima li huma innovattivi u mmirati, b’impatt fuq l-impjiegi u l-*hillet*, inkluż permezz tal-Faċilità ta’ Finanzjament tal-Kapital favur in-Natura u l-istrumenti ta’ Finanzjament Privat għall-Effiċjenza Enerġetika.

Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi u tappoġġa l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji kko-finanzjati mill-Fondi Ewropej Strutturali u ta’ Investiment permezz tal-Pjattaforma għall-Konsulenza Teknika – dwar l-Istrumenti Finanzjarji (FI-TAP) u ta’ strumenti konġunti oħra mal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment. Dawn l-istrumenti jistgħu jservu ta’ *ingranaġġ għal aktar investment privat fl-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija*, u jistgħu jirrealizzaw il-potenzjal tal-impjiegi relatati.

Is-sinerġiji bejn il-programmi fil-livell nazzjonali u tal-UE għandhom jiġu *żviluppati iktar.*

### 3.3.2 *It-trasferiment mit-taxxi fuq ix-xogħol għat-tassazzjoni ambjentali*

It-trasferiment tat-taxxa minn fuq ix-xogħol għal tassazzjoni li tagħmel anqas *ħsara lit-*tkabbir**, bħal dik fuq il-konsum, fuq il-proprjetà u t-tassazzjoni ambjentali (u t-tneħħija ta’ sussidji ta’ *ħsara*) jista’ jirriżulta kemm f’aktar impjiegi kif ukoll f’inqas emissjonijiet u tniġġis. Dan l-effett se jkun l-aktar viżibbli fl-Istati Membri li għandhom taxxa għolja fuq id-dħul mis-salarji. Terz mill-Istati Membri għandhom lok għal tali trasferiment tat-taxxa filwaqt li għal terz ieħor hemm lok għat-titjib fit-tfassil tat-tassazzjoni ambjentali eżistenti<sup>33</sup>.

Dawn ir-riformi għandhom iqisu l-effetti fuq l-impjiegi tat-tnaqqis immirat fil-kost tax-xogħol, bħal fil-każ ta’ ħaddiema b’livell baxx ta’ *hillet*, imqabbel ma’ tnaqqis globali, kif ukoll l-impatt tad-distribuzzjoni tat-trasferiment għal taxxi ekoloġiċi. Għadd ta’ Stati Membri rċevew rakkomandazzjoni speċifika skont il-pajjiż f’dan il-qasam fis-Semestru Ewropew. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jużaw id-dħul mill-irkantar tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-ETS tal-UE sabiex jitbaxxa l-kost tax-xogħol, u dan jista’ jkollu impatt ġenerali pożittiv fuq l-impjiegi.

### 3.3.3 *It-tiżiħ tal-kapaċità amministrattiva u l-promozzjoni ta’ akkwist pubbliku ekoloġiku*

Bosta Stati Membri għandhom xi lakuni fil-kapaċità amministrattiva tagħhom biex ifasslu soluzzjonijiet aktar integrati li jindirizzaw l-isfidi ekonomiċi, soċjali u ambjentali u li jqisu l-kostijiet u l-benefiċċji usa’ għas-soċjetà. B’mod partikolari, l-akkwist pubbliku jista’ jintuża għall-promozzjoni tat-*tkabbir fl-ekonomija ekoloġika*. Id-Direttivi ġodda tal-UE dwar l-akkwist pubbliku jiffaċilitaw l-użu ta’ tikketti, billi jippermettu espliċitament li jitqies il-proċess tal-produzzjoni u jintroduċu l-kunċett tal-ikkostjar tul iċ-ċiklu tal-*ħajja*. Dawn għandhom il-potenzjal li jżidu l-użu tal-akkwist pubbliku ekoloġiku u b’hekk jistgħu jinkoraġixxu t-*tkabbir* u l-impjiegi ekoloġiċi.

### 3.3.4 *Il-promozzjoni tal-intraprenditorija*

L-aċċess għall-finanzi huwa problema għal kull negozju tal-bidu u dawk attivi fl-ekonomija ekoloġika mhumiex eċċezzjoni. Il-Kummissjoni, flimkien mal-Bank Ewropew għall-Investment, stabbilixxiet Faċilità ta’ Finanzjament tal-Kapital favur in-Natura biex tappoġġa,

<sup>33</sup> KE (2013), Tax reforms in EU Member States 2013. Tax policy challenges for economic growth and fiscal sustainability. (Sfidi tal-politika tat-taxxa għat-*tkabbir ekonomiku* u s-sostenibbiltà fiskali.)

fost l-oħrajn, proġetti naturali li jinvolvu l-kapital u intrapriżi żgħar innovattivi favur il-bijodiversità u l-adattament għall-klima. Iż-żieda riċenti f'attivitajiet ta' mikrofinanzjament fl-Ewropa wasslet biex aktar minn 30 % tal-fornituri tal-mikrokreditu jipprovdu mikrokrediti ekoloġiċi u 10 % oħra attwalment qegħdin jiżviluppaw dawn il-krediti<sup>34</sup>.

L-ekonomija soċjali u l-intrapriżi soċjali għandhom potenzjal sinifikanti biex jiprovdu impjiegi ta' kwalità għolja f'oqsma bħall-effiċjenza tal-enerġija u l-enerġiji rinnovabbli, il-biedja organika u l-ekoturiżmu, jew l-ekonomija ċirkolari b'attivitajiet relatati mal-użu mill-ġdid, it-tiswija u r-riċiklaġġ. L-identifikazzjoni ta' strateġiji effettivi għat-titjib ta' intrapriżi soċjali ekoloġiċi u għas-sensibilizzazzjoni dwar l-opportunitajiet tista' tispira lill-oħrajn biex ikunu imprendituri.

Skont stimi riċenti, 42 % tal-SMEs għandhom mill-inqas ħaddiem ekoloġiku wieħed full-time jew part-time, – din hija żieda ta' 5 % mill-2012, – li tammonta għal aktar minn 20 miljun impjieg ekoloġiku fl-UE. Il-Pjan ta' azzjoni ekoloġika għall-SMEs jinkludi azzjonijiet li jappoġġjaw l-intraprenditorija ekoloġika għall-kumpaniji tal-ġejjieni.

***Biex il-ħolqien tal-impjiegi jingħata spinta, il-Kummissjoni se:***

- tappoġġa l-iżvilupp ta' **metodoloġiji għall-valutazzjonijiet tal-impatt** ta' investimenti fuq il-ħiliet u l-impjiegi, b'mod partikolari permezz tal-għajnuna teknika, tal-iskambju tal-aħjar prattika, ta' proġetti pilota, u ta' azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni fl-2014 u fl-2015;
- tkompli ssegwi **r-riforma tat-taxxa ambjentali** fl-Istati Membri fil-qafas tas-Semestru Ewropew;
- tappoġġa **l-bini tal-kapaċità fil-qasam tal-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku** permezz ta' konsulenza dwar kif jista' jsir l-aħjar użu minnu skont ir-riforma adottata dan l-aħħar dwar l-akkwist pubbliku u tiffaċilita l-ħolqien ta' **netwerks ta' awtoritajiet pubbliċi** dwar l-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku;
- **tiffaċilita l-aċċess għall-finanzi** għal intrapriżi soċjali, inklużi dawk li huma attivi fl-ekonomija ekoloġika, u għal mikrofinanza ekoloġika skont il-Programm EaSI;
- tinkoraġġixxi organizzazzjonijiet fil-livell Ewropew biex **jippromwovu l-iskambju tal-esperjenza** bejn il-fornituri tal-mikrofinanzi fil-qasam tal-mikrofinanza ekoloġika;
- issaħħaħ l-appoġġ immirat skont il-Pjan ta' **Azzjoni Ekoloġika għall-SMEs** permezz ta' finanzjament fil-livell tal-UE u n-netwerks ta' appoġġ għall-SMEs (pereżempju n-Netzwerk Enterprise Europe), partikolarment biex jittejjbu l-ħiliet ekoloġiċi tal-forza tax-xogħol tagħhom.

**L-Istati Membri u r-reġjuni** huma mistiedna jsaħħu d-dimensjoni tal-impjiegi u l-ħiliet tagħhom ta' programmi ta' appoġġ finanzjarju għal investimenti u teknoloġiji ekoloġiċi, u biex jgħinu l-intrapriżi soċjali ekoloġiċi jkunu “lesti biex jadvanzaw għal-livell li jmiss” u “lesti biex jiġu replikati u jadattaw”. L-Istati Membri huma mistiedna wkoll biex jiżguraw l-użu effiċjenti tar-riżorsi tal-ESIF biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni ekoloġika skont il-mira ta' 20 % għal miżuri relatati mal-klima.

### **3.4. It-titjib fil-kwalità tad-dejta.**

<sup>34</sup> European Microfinance Network (EMN) (2013), *European Green Microfinance. A first look.*

L-ekonomija ekoloġika, it-tkabbir ekoloġiku u l-impjiegi ekoloġiċi ġew iddefiniti b'diversi modi, appoġġati minn dejta statistika differenti<sup>35</sup>. Il-ġbir regolari ta' statistika armonizzata jiffaċilita aktar tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza u l-monitoraġġ, kif ukoll antiċipazzjoni aħjar tal-effetti tranżizzjonali fuq is-suq tax-xoġhol u l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' ħiliet.

Il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, qed tiżviluppa indikaturi li jimmonitorjaw il-progress lejn it-tkabbir ekoloġiku fil-kuntest tas-Semestru Ewropew<sup>36</sup>. Barra minn hekk, id-dejta dwar is-settur tal-oġġetti u s-servizzi ambjentali (EGSS) hija miġbura fil-livell tal-UE biex tipprovdi taġhrif Ewropew armonizzat dwar l-attivitajiet b'għanijiet ambjentali relatati mal-impjiegi.<sup>37</sup> Barra minn hekk, mudell ekonometriku (FIDELIO)<sup>38</sup> qed jiġi żviluppat mill-Kummissjoni biex jivvaluta l-impatti ta' politiki ambjentali u politiki oħrajn fuq l-ekonomija, l-ambjent u l-impjiegi.

Fil-livell internazzjonali, ġew adottati linji gwida dwar definizzjoni statistika tal-impjiegi fis-settur ambjentali fid-19-il Konferenza Internazzjonali tal-Esperti tal-Istatistika tal-Impjiegi biex jgħinu lill-pajjiżi jiżviluppaw standards u metodi statistiċi għal impjiegi ekoloġiċi, l-ekonomija ekoloġika u l-impjiegi fis-settur ambjentali u biex tittejjeb il-komparabbiltà internazzjonali<sup>39</sup>.

***Biex ittejjeb il-kwalità tad-dejta, il-Kummissjoni se:***

- tipprovdi appoġġ lill-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika għall-ġbir tad-dejta u l-iżvilupp tal-kontabbiltà ambjentali fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika permezz ta' appoġġ finanzjarji u ta' taħriġ;
- issaħħaħ l-użu ta' għodod ta' mudellar kwantitattiv li jippermettu analiżi aktar dettaljata tal-impatti fuq is-suq tax-xoġhol fil-livell tal-UE, tal-Istati Membri u dak reġjonali;
- tappoġġa l-monitoraġġ tal-politiki fil-kuntest tal-istrateġija Ewropa 2020, billi tibni fuq il-qafas ta' indikaturi tal-impjiegi u tal-ambjent żviluppati mill-Kumitat tal-Impjiegi.

**L-Istati Membri** huma mistiedna jnaqqsu l-perjodi ta' tranżizzjoni fl-implimentazzjoni tal-modulu tal-kontijiet tal-EGSS u ż-żmien meħtieġ għat-trażmissjoni tad-dejta.

#### **4. Il-promozzjoni tad-djalogu soċjali**

L-involvement tas-sħab soċjali fil-livelli kollha huwa prerekwiżit biex tiġi ffaċilitata l-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija.

Permezz ta' inizjattivi konġunti jew separati, is-sħab soċjali fil-livell tal-UE diġà kkontribwixxew għad-dibattitu tal-UE dwar l-ekoloġizzazzjoni tal-impjiegi billi ffokaw fuq il-prinċipju ta' tranżizzjoni ġusta, fuq is-sinerġiji bejn il-pakkett dwar il-klima u l-enerġija għall-

<sup>35</sup> Ara l-Green growth knowledge platform (il-Pjattaforma tal-għarfien dwar it-tkabbir ekoloġiku) (GGGI, OECD, UNEP, World Bank) (2013), *Moving towards a common approach on green growth indicators*.

<sup>36</sup> Ara wkoll: Employment Committee (2010), *Towards a greener labour market - The employment dimension of tackling environmental challenges* (rapport finali), li jidentifika indikaturi f'sitt oqsma: impjiegi ekoloġiċi, ħiliet ekoloġiċi, postijiet tax-xoġhol ekoloġiċi, tranżizzjoni ekoloġika, swieq tax-xoġhol ekoloġiċi u tkabbir ekoloġiku.

<sup>37</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 538/2014 tas-16 ta' April 2014, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 691/2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej.

<sup>38</sup> FIDELIO 1: Fully Interregional Dynamic Econometric Long-term Input-Output Model for the EU27 JRC 2013.

<sup>39</sup> [http://www.ilo.org/global/statistics-and-databases/standards-and-guidelines/guidelines-adopted-by-international-conferences-of-labour-statisticians/WCMS\\_230736/lang--en/index.htm](http://www.ilo.org/global/statistics-and-databases/standards-and-guidelines/guidelines-adopted-by-international-conferences-of-labour-statisticians/WCMS_230736/lang--en/index.htm).

2030 u l-politika industrijali tal-UE, u fuq il-ħtiġijiet ta' ħiliet għal impjiegi ekoloġiċi<sup>40</sup>. Billi t-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u li tuża r-riżorsi b'effiċjenza għandha impatt qawwi fil-livell settorjali, is-sħab soċjali għandhom interess dirett li jkunu involuti permezz tax-xogħol tagħhom f'kumitati ta' djalogu soċjali settorali tal-UE.

***Il-Kummissjoni se*** tinkoraġġixxi lis-sħab soċjali Ewropej biex jiżviluppaw aktar inizzjattivi konġunti fil-kuntest tad-djalogu soċjali Ewropej, kemm fil-livell transindustrijali u dak settorjali, u biex iqisu r-rakkomandazzjonijiet tal-EREP sabiex ikun żgurat aktar l-involviment mill-qrib tal-ħaddiema f'kwistjonijiet marbuta mal-ġestjoni ambjentali, mal-użu tal-enerġija u tar-riżorsi u mar-riskji emerġenti fuq il-post tax-xogħol, biex jissaħħu d-drittijiet tal-ħaddiema għal tagħrif u konsultazzjoni, u biex jiġu żviluppanti pjanijiet direzzjonali għall-użu effiċjenti tar-riżorsi għas-settur kollu.

## **5. It-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali**

F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Konferenza Rio +20 tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, l-UE tinsab impenjata li ssegwi tranżizzjoni globali ġusta lejn ekonomija ekoloġika inklużiva b'kollaborazzjoni ma' sħab internazzjonali oħra. Dan jeħtieġ li titqies id-dimensjoni soċjali tal-politiki dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima u l-interkonnessjonijiet tagħhom fil-kuntest ta' Qafas dwar l-Iżvilupp wara l-2015 u l-miri għal żvilupp sostenibbli.

L-UE tikkoopera mill-qrib mal-ILO fuq sfidi relatati mal-impjiegi ekoloġiċi inkluż: billi jiġi żgurat li l-impjiegi ekoloġiċi jkunu impjiegi diċenti; permezz tal-applikazzjoni ta' standards tax-xogħol, b'mod partikolari l-ispezzjoni tax-xogħol u s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol f'impjiegi ekoloġiċi; billi tiġi miġġielda l-ekonomija informali fis-setturi ekoloġiċi, bħall-ġestjoni tal-iskart; bl-antiċipazzjoni tal-ħtiġijiet futuri u bl-adozzjoni ta' politiki ta' taħriġ li jiffaċilitaw l-issodisfar tad-domanda għal ħiliet ekoloġiċi.

It-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika inklużiva ġiet indirizzata wkoll fi djalogi bilaterali mas-sħab strateġiċi tal-UE, bħall-Istati Uniti, il-Kanada u ċ-Ċina u se jkomplu jiġu diskussi, ukoll ma' pajjiżi sħab oħra fil-futur. Fil-qafas tal-politika tagħha dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp, u permezz tal-firxa ta' programmi u strumenti li hija tiffinanzja, l-UE se tinkoraġġixxi wkoll lill-pajjiżi sħab biex jadottaw approċċ integrat għall-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomiji tagħhom.

***Il-Kummissjoni se*** tinvolvi ruħha fil-Pjattaforma tal-Għarfien tat-Tkabbir Ekoloġiku, netwerk globali ta' riċerkaturi u esperti tal-iżvilupp li jidentifika u jindirizza d-diskrepanzi kbar ta' għarfien fit-teorija u fil-prattika tat-tkabbir ekoloġiku, li kienet immedija fl-2012 mill-Global Green Growth Institute, l-OECD, l-UNEP u l-Bank Dinji.

## **6. Konklużjoni**

Il-bidla għal ekonomija ekoloġika u li tuża r-riżorsi b'effiċjenza hija fuq kollox opportunità biex tiżdied il-kompetittività globali Ewropea, biex tkun żgurata l-benesseri tal-

<sup>40</sup> Ara pereżempju ETUC, BusinessEurope, CEEP, UEAPME (2014), *Skills needs in greening economies*.

ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni, u biex jiġu appoġġati l-impjiegi sostenibbli u ta' kwalità għolja, filwaqt li tikkontribwixxi għall-irkupru mill-kriżi ekonomika reċenti.

Il-politiki ġenerali tas-swieq tal-impjiegi u tax-xogħol jeħtieġ li jkollhom rwol aktar attiv fl-appoġġ għall-ħolqien tal-impjiegi u biex jissodisfaw id-domanda tal-ħiliet u tax-xogħol marbutin mat-tranżizzjoni ekonomija ekoloġika u li tuża r-riżorsi b'effiċjenza. Għal dan l-għan, għandhom jiġu segwiti il-prijoritajiet li ġejjin:

- It-titjib tal-integrazzjoni u tal-koordinazzjoni ta' politiki u inizjattivi eżistenti fil-livelli nazzjonali u Ewropew;
- L-iżvilupp imsaħħaħ tal-istrutturi ta' governanza u tal-ġhodod metodoloġiċi biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika li tuża r-riżorsi b'effiċjenza, il-koordinazzjoni imtejba tal-politiki u li jiġi żgurat il-monitoraġġ konsistenti ta' miżuri ta' riforma; u l-istabbiliment ta' relazzjoni ta' ħidma u ta' dialogu aktar mill-qrib mas-sħab soċjali dwar l-isfidi tal-impjiegi għall-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija;
- aktar tisħiħ tal-ġhodod u tan-netwerks tal-informazzjoni tal-Kummissjoni eżistenti dwar il-ħiliet, biex ikunu antiċipati u sorveljati aħjar l-iżviluppi f'setturi u f'professjonijiet marbuta mat-tkabbir ekoloġiku, mal-ekonomija ċirkolari u li hija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi;
- L-iżgurar li l-programmi u l-politiki ta' finanzjament tal-UE u tal-Istati Membri jappoġġaw il-ħolqien tal-impjiegi fl-ekonomija ekoloġika;
- Is-sorveljanza tal-progress marbut mal-impjiegi ekoloġiċi fil-kuntest tar-Rapport Konġunt dwar l-impjiegi.
- Il-ħidma lejn qafas internazzjonali għall-promozzjoni tat-tkabbir ekoloġiku u inklużiv;
- Il-bini tar-rakkomandazzjonijiet tal-EREP biex tiġi żviluppata strateġija mifruxa għal impjiegi, ħiliet u edukazzjoni aktar ekoloġiċi.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni biex japprovaw din l-inizjattiva għall-impjiegi ekoloġiċi u biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp utlerjuri tal-azzjonijiet bil-għan li jinkiseb approċċ integrat għal tkabbir sostenibbli u għall-impjiegi fl-UE.